# NOFS-INHAR SAJFI

Barra bis-sħana qiegħda mgħaxxa l-ħajja
taħt xemx li tikwi—l-eħrex xemx sajfija—
u kollox ħiemed, bħallikieku l-ġrajja
waqfu tal-jum, imbikkma minn did-dija.

Fuq għolja bżar żunżan bil-qtajja' qtajja'
irewwaħ ġewnħu; joħroġ mill-ħamrija
ħanfus sewdieni bl-ikbar skiet jissajja
ħa' jsib il-qmuħ imxerrda fil-mgħodija.

Ħiemed, il-mewġ igħonos ġewwa l-qala';
il-b'għod il-b'għod jitriegħed qlugħ bajdani
bil-mod il-mod u donnu le jaf l-għala;

Hekk bla taf l-għala tħoss il-qalb tixxabba'
minn kull m'hu dwarha, tibki lill-warrani
u, mdejqa, tnîn bix-xewqa ta' l-imħabba.

**Rosario Briffa**